MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 275/2002/1

**Citadel Insurance Plc kif surrogati fil-jeddijiet ta' l-assikurata Malta Financial Services Limited**

**Vs**

**Dorianne Zahra**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm410.50 (erba' mija u ghaxar liri Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tat-18 ta' Novembru, 1999 bejn il-vettura TFC 357 misjuqa minn Anthony Vassallo u l-vettura EAP 148 tal-konvenuta, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenuta tghid li ma hi bl-ebda mod responsabbli ta' dana l-incident izda liema l-istess

incident gara unikament tort tal-assikurat jew is-sewwieq tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Road Accident Report fejn il-konvenuta qalet li kienet qieghda f'Psaila Street, ghamlet l-indicator biex iddur fuq il-lemin u ndunat li l-attur habat mal-vettura taghha EAP 148.

L-attur qal li kien qed isuq f'Psaila Street, B'Kara lejn il-Hamrun fejn f'daqqa wahda semgha hoss u nduna li l-konvenuta baqat diehla gol-vettura tieghu TFC 357.

Ra r-rikors pprezentant mis-socjeta' attrici.

Ra s-seduta mizmuma fid-9 ta' Mejju, 2002 fejn Mark Axiaq, prodott mis-socjeta' attrici esebixxa d-dokument.

Ra l-istess seduta fejn xehed Anthony Vassallo, prodott mis-socjeta' attrici, fejn jikkonferma li qal fir-Road Accident Report. Izid ukoll li minhabba li kienet ix-xita l-konvenuta qaltlu li ma ratux. Jikkonferma li l-konvenuta ma kienetx quddiem l-attur qabel il-habta.

Ra l-istess seduta fejn xehed PS1131 Justin Camilleri u qal li l-iskizz ma kienx ghamlu ghaliex l-vetturi ma kienux fejn kienu wara l-habta meta hu mar fuq il-post. Justin Camilleri kiteb dak li qalulu l-partijiet. Jikkonerfma ukoll li dakinhar ma kienetx xita.

Ra l-istess seduta fejn xehed Joe Attard, prodott mis-socjeta attrici, u qal li kien front seat passenger ma' Anthony Vassallo. Joe Attard jikkonferma l-istess affarijiet li qal Anthony Vassallo.

Ra s-seduta tat-30 ta' Settembru, 2002 fejn xehdet il-konvenuta Dorianne Zahra u tikkonferma li qalet fir-road accident report. Il-konvenuta qalet ukoll lil Anthony Vassallo biex icemplu lil Pulizija dakinhar tal-habta izda Vassallo qalla "ahjar innehhu l-karrozzi minn fejn kienu".

Tikkonferma wkoll li l-vettura TFC 357 kienet isuq warajha.

Ra n-nota pprezentata mis-socjeta' attrici u n-nota responsiva tal-konvenuta.

Illi jirrizulta li l-konvenuta rieded iddur fuq il-lemin taghha u f'dak il-hin kien ghaddej il-karozza assikurata mad-ditta attrici. Il-konvenuta kellha l-obbligu, qabel ma tbiddel id-direzzjoni li tassikura li ma hemm hadd ghaddej fit-triq fuq il-lemin taghha. L-esponent jaghmel riferenza ghad-diversi sentenzi msemmija mis-socjeta' attrici fin-nota taghha.

Illi huwa veru li manuvra ta' overtaking huwa delikata minn jaghmel manuvra ta' sorpass ghandu, qabel ma jaghmel dik il-manuvra jassikura ruhu li jista jghamilha b'sikurezza. Illi pero l-incident ma garax ghaliex kien hemm manuvra ta' sorpass. Illi kienet il-konvenuta li bidlet id-direzzjoni u ghalhekk hi kienet resposabbli ghal incident. Illi anke mill-lok tad-danni fil-karozza tal-assikurat tad-ditta attrici jidher li l-konvenuta kellha tort fl-incident ghaliex l-hsara qieghda fuq il-gemb fuq wara. Il-konvenuta kellha tara dak li kien hemm fuq il-lemin taghha qabel ma daret fuq il-lemin.

Illi d-danni ma gewx kontestati u jidhru ragjonevoli.

Ghaldaqstant fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta t-tribunal jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni u jikkukndanna lill-istess konvenuta sabiex thallas Lm410.50 (erba' mija u ghaxar liri Maltin u hamsin centezmu) bl-ispejjes u l-imghax kif mitlub.

--------------------------------TMIEM--------------------------------